

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-10 ta' Diċembru 2012

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/21 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew

(BĊE/2012/30)

(2012/832/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 26.2 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/21 tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾ tistabbilixxi r-regoli għat-tħejjija tal-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).
- (2) Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2010/21 jispeċifika illi l-assunzjonijiet bażiċi tal-kontabilità ddefiniti fl-Artikolu 3 tal-Linja Gwida BĊE/2010/20 tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali ⁽²⁾ japplikaw ukoll għall-finijiet tad-Deċiżjoni BĊE/2010/21. Dan japplika *inter alia* għall-Artikolu 3(c) tal-Linja Gwida BĊE/2010/20 fir-rigward ta' avvenimenti li jseħħu wara l-karta tal-bilanċ, li jstipula illi l-attiv u l-passiv jiġi aġġustat għal avvenimenti li jseħħu bejn id-data tal-karta tal-bilanċ annwali u d-data li fiha r-rapporti finanzjarji jiġu approvati mill-korpi relevanti jekk jeffettwaw il-kundizzjoni tal-attiv jew il-passiv fid-data tal-karta tal-bilanċ.
- (3) Jeħtieġ li jiġi ċċarat għall-kontijiet annwali tal-BĊE illi avvenimenti li jseħħu wara l-karta tal-bilanċ għandhom jiġu kkunsidrati biss sad-data li fiha jiġi awtorizzat il-ħruġ tar-rapporti finanzjarji, jiġifieri id-data li fiha l-Bord Eżekuttiv jawtorizza l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-BĊE lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni.

- (4) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/21 għandha għalhekk tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2010/21 huwa mibdul b'li ġej:

"Artikolu 3

Prinċipji bażiċi tal-kontabilità

Il-prinċipji tal-kontabilità fundamentali ddefiniti fl-Artikolu 3 tal-Linja Gwida BĊE/2010/20 għandhom japplikaw ukoll għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni. Bħala deroga mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(c) tal-Linja Gwida BĊE/2010/20, avvenimenti li seħew wara l-karta tal-bilanċ għandhom jiġu kkunsidrati biss sad-data li fiha jiġi awtorizzat il-ħruġ tar-rapporti finanzjarji, jiġifieri id-data li fiha l-Bord Eżekuttiv jawtorizza l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-BĊE lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2012.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Diċembru 2012.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ ĠU L 35, 9.2.2011, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 35, 9.2.2011, p. 31.